MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2015

Numru. 786/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR FABIAN FLERI**

**VS**

**BASHIR ABU GASEM AL HARIRI**
**(ID Nru. 577090M)**

Kumpilazzjoni Nru.: 786/2013

Illum, 11 ta` Gunju, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Bashir Abu Gasem Al Hariri, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 577090M.

**Akkuzat talli:**

Fil-lejl ta` bejn l-ghoxrin (20) u l-wiehed u ghoxrin (21) ta` Awwissu, 2009, gewwa l-hanut bl-isem ta` **Wembley Kiosk** li jinsab gewwa Triq ix-Xatt, Msida, ikkommetta serq ta` flus kontanti u sigaretti liema serq huwa aggravat bl-ammont li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu tal-ewro (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz u bil-hin u dan ghad-detriment ta` Ian Robert Gouder u/jew persuna/i ohra.

U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` fuq *vending machine* u tieqa, liema ammont ta` hsara tiskorri l-mija u sittax il-ewro u sebgha u erbghin centezmu tal-ewro (€116.47) ghad-detriment ta` Ian Robert Gouder u/jew persuna/i ohra.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 261 (b) (c) (f), 263 (a), 267, 270 u 325 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati kif akkuzat.

Fir-rigward tal-piena, l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz specjalment il-bzonn tal-imputat li jigi mmonitorjat tul il-perjodu ta` tul tieghu, din il-Qorti temmen li piena karcerarja effettiva m'ghandiex tkun f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant, filwat li ssibu hati tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-llum u tordna li jitqieghed taht ordni ta` *probation* taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta`

Malta ghall-perjodu ta` sentejn (2) ukoll bl-obbligu li kull erba` (4) xhur il-*Probation Officer* assenjat jirrapporta lill-Qorti dwar l-andament tal-imputat.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------